

31977L0095

31.1.1977

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 26/59

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tal-21 ta' Diċembru 1976****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar *meters* tat-taxis**

(77/95/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi fl-Istati Membri kemm il-kostruzzjoni kif ukoll il-metodi ta' kontroll ta' *meters* tat-taxis huma soġġetti għal disposizzjonijiet obbligatorji li huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor u li konsegwentement ixekklu l-kummerċ f'dawn l-istrumenti; billi għalhekk huwa meħtieġ li dawn id-disposizzjonijiet jiġu approssimati;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' disposizzjonijiet komuni kemm għal strumenti li jkejlu kif ukoll għal metodi ta' kontroll metroloġiku ⁽³⁾, kif emendata bl-Att ta' Sħubija ⁽⁴⁾, stipulat l-approvazzjoni tad-disinn tal-KEE u l-proċeduri ta' verifikazzjoni inizjali tal-KEE; billi, b'mod konformi ma' dik id-Direttiva, huwa meħtieġ li jiġu stipulati r-reqwiziti tekniċi li l-fabbrikazzjoni kif ukoll l-operazzjoni ta' *meters* tat-taxis iridu jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jiġu importati, impoġġija fuq is-suq u użati b'mod ħieles wara li jkunu għaddew mill-ispezzjonijiet rekwiżiti u wara li jingħataw il-marki u s-sinjali meħtieġa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tapplika għal *meter* ta' ħin-distanza msejħa "*meters* tat-taxis".

Dawn il-*meters* huma definiti f'1.1 ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dawk il-*meters* tat-taxis li jista' jkollhom marki tal-KEE fuqhom huma deskritti fl-Anness.

Dawn għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni tad-disinn tal-KEE u għal verifikazzjoni inizjali tal-KEE taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'1.2.2 ta' l-Anness II tad-Direttiva 71/316/KEE u taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness ta' dan.

Artikolu 3

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta, jipprojbixxi jew jirrestrinġi t-tpoġġija fuq is-suq ta' *meters* tat-taxis li jkollhom is-sinjali tal-KEE ta' approvazzjoni tad-disinn u l-marka ta' verifikazzjoni inizjali u parzjali tal-KEE li tinsab fl-Anness 3.1.1.2 ta' l-Anness II tad-Direttiva 71/316/KEE.

Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti li jassiguraw li l-operazzjonijiet supplimentari għal verifikazzjoni inizjali tal-KEE jitwettqu kif provdut f'7.3 ta' l-Anness ta' dan, qabel ma jibdew jintużaw dawn l-istrumenti, jekk dawn l-operazzjonijiet ikunu preskritti taħt regolamenti nazzjonali u ma jkunux ġew imwettqa qabel.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifikazzjoni tagħha, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testijiet tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw jew li huma beħsiebhom jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

A.P.L.M.M. van der STEE

⁽¹⁾ ĠU Nru C 7, 12.1.1976, p. 38.

⁽²⁾ ĠU Nru C 35, 16.2.1976, p. 12.

⁽³⁾ ĠU Nru L 202, 6.9.1971, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU Nru L 73, 27.3.1972, p. 14.

ANNEX

1. TERMINOLOĠIJA

1.1. **Meters ta' ħin-distanza, msejħa "meters tat-taxis"**

Meters ta' ħin-distanza, minn hawn 'il quddiem msejħa "*meters tat-taxis*", huma strumenti li, skond il-karatteristiċi tal-vettura li fiha huma installati u t-tariffi li fuqhom ikunu ġew issettjati, jikkalkolaw awtomatikament u jindikaw kostantament meta jkunu qegħdin jintużaw l-ammonti li jridu jiġu mħallsa mill-utenti ta' vetturi pubbliċi, imsejja *taxis*, fuq il-bażi tad-distanza koperta u, taħt ċerta' veloċità, il-ħin għal kemm hi okkupata l-vettura, mhux inklużi diversi sovrataxi jista' jkunu awtorizzati minn regolamenti lokali fis-seħħ fl-Istati Membri.

Dan l-Anness għandu jiġi aġġustat b'mod konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 71/316/KEE sabiex ikopri *meters tat-taxis* li jkollhom strument elettroniku fis-sekwenza tal-kejl. Sakemm ma jsirx dan, *meters tat-taxis* elettroniċi ma jistgħux jiksbu approvazzjoni ta' disinn tal-KEE.

1.2. **Termini speċjali**

L-indikazzjoni fuq *meter ta' taxi* tiddependi - mingħajr ma wieħed jagħti każ tal-posizzjoni tat-tariffa - fuq kostant "k" ta' l-istrument u fuq koeffiċjent karatteristiku "w" tal-vettura fejn huwa installat l-istrument. Dan il-koeffiċjent "w" huwa funzjoni taċ-ċirkomferenza effettiva "u" tar-roti tal-vettura u tal-proporzjon ta' trasmissjoni tan-numru ta' revoluzzjonijiet tar-roti għan-numru ta' revoluzzjonijiet tal-parti li tinsab fuq il-vettura biex tqabbadha mal-*meter tat-taxi*.

1.2.1. *Il-kostant "k" tal-meter tat-taxi*

Il-kostant "k" ta' *meter tat-taxi* huwa kwantità karatteristika li tindika t-tip u n-numru ta' sinjali li l-istrument irid jirċievi sabiex jagħti b'mod korrett indikazzjoni relatata ma' distanza partikolari vjaġġata.

Il-kostant "k" huwa espress bħala:

- (a) revoluzzjonijiet għal kull kilometru indikat (rev/km), jew
- (b) bħala *pulses* għal kull kilomteru indikat (pulse/km),

skond jekk l-informazzjoni relatata mad-distanza vjaġġata mill-vettura tidħolx fil-*meter tat-taxi* fil-forma ta' numru ta' revoluzzjonijiet tax-xaft prinċipali tagħha (id-"*drive shaft*" fil-punt ta' dħul ta' l-istrument) jew fil-forma ta' sinjali elettriċi.

1.2.2. *Koeffiċjent karatteristiku "w" tal-vettura*

Il-koeffiċjent karatteristiku "w" ta' vettura huwa kwantità li tindika t-tip u n-numru ta' sinjali intenzjonati għas-sewqan tal-*meter tat-taxi*, u muri fuq il-parti xierqa provduta għal dan l-għan fuq il-vettura, relatat ma distanza partikolari vjaġġata.

Il-koeffiċjent "w" huwa espress:

- (a) bħala revoluzzjonijiet għal kull kilometru vjaġġat (rev/km), jew
- (b) bħala *pulses* għal kull kilomteru vjaġġat (vibrazzjoni/km),

skond jekk l-informazzjoni relatata mad-distanza vjaġġata mill-vettura tkunx fil-forma tan-numru ta' revoluzzjonijiet tal-parti li tmexxi l-*meter tat-taxi* jew fil-forma ta' sinjali elettriċi.

Dan il-koeffiċjent ivarja skond bosta fatturi, b'mod partikolari kemm ikunu qodma t-tajers u l-pessjoni fit-tajers, it-tagħbija tal-karrozza u l-kondizzjonijiet li fihom isir il-vjaġġ. Irid jiġi determinat taħt il-kondizzjonijiet ta' test *standard* għall-vettura (1.2.7).

1.2.3. *Ċirkomferenza effettiva "u" tar-roti*

Iċ-ċirkomferenza effettiva 'u' tar- rota tal-vettura li tmexxi l-*meter tat-taxi* direttament jew indirettament hija d-distanza vjaġġata mill-vettura waqt revoluzzjoni kompleta waħda ta' din ir- rota. Meta żewġ roti jmexxu l-*meter tat-taxi* f'daqqa, iċ-ċirkomferenza effettiva hija l-medja taċ-ċirkomferenzi effettivi ta' kull waħda miż-żewġ roti, espress bħala millimetri.

Iċ-ċirkomferenza effettiva 'u' hija korrelata mal-koeffiċjent karatteristiku "w" tal-vettura (1.2.2), u konsegwentement din iċ-ċirkomferenza, jekk huwa meħtieġ li tiġi identifikata, trid tiġi determinata wkoll taħt il-kondizzjonijiet deskritti f'1.2.7.

1.2.4. *Strument ta' adattament*

L-iskop ta' l-istrument ta' adattament hu li jiġi aġġustat il-koeffiċjent karatteristiku "w" tal-vettura għall-kostant 'k' tal-meter tat-taxi.

1.2.5. *Marġni ta' żbalji permissibbli*

Il-marġni ta' żbalji permissibbli msemija fis-Sezzjoni 5 tiddependi biss fuq l-istrument innifsu (żbalji strumentali). Il-valuri reali (Sezzjoni 5) użati għad-determinazzjoni ta' żbalji huma kalkolati mill-kostant 'k' tal-meter tat-taxi u t-tariffi li għalihom huwa ssettjat il-meter.

Il-marġni ta' żbalji permissibbli tiddetermina d-devjazzjoni massima bejn l-għola u l-iktar baxxa ta' l-indikazzjonijiet.

1.2.6. *Ħeffa ta' bidla*

Il-ħeffa tal-bidla hija l-ħeffa li biha l-istrument indikatur tal-meter tat-taxi jaqleb minn ħin għal distanza vjaġġata jew viċi versa.

Hija miksuba billi tiġi diviża t-tariffa ta' 'ħin' bit-tariffa ta' 'distanza'.

1.2.7. *Kondizzjonijiet ta' test standard għall-vettura (għad-determinazzjoni tal-koeffiċjent karatteristiku tiegħu)*

Il-'kondizzjonijiet ta' test standard għall-vettura' huma miksuba meta:

- (a) it-tajers iffittjati mar-rotta jew mar-rotti li jmxexxu l-meter tat-taxi huma ta' tip li jkollhom l-istess ċirkomferenza effettiva "u" bħal dik tar-rotta li ntużaw sabiex jiġi determinat il-koeffiċjent karatteristiku 'w'.

Iridu jkunu f'kondizzjoni tajba u minfuħin sal-pessjoni t-tajba;

- (b) it-tagħbija tal-vettura hija approssimament 150 kg. (Skond il-konvenzjoni din hija daqs il-piż ta' żewġ persuni adulti, inkluż ix-xufier);

- (ċ) il-vettura tkun qiegħda timxi bil-qawwa tagħha stess, fuq art ċatta u wita, flinja dritta, b'veloċità ta' ± 5 km/h.

Jekk it-testijiet isiru taħt kondizzjonijiet differenti, eż. b'toqol differenti, b'veloċitajiet differenti, jew b'veloċità tal-mixi, b'testijiet f'garaxx, eċċ, ir-riżultati għandhom jiġu korreġuti permezz tal-koeffiċjent ta' konversjoni meħtieġa sabiex jiġi konvertit il-valur tagħhom għal dak li kien jinkiseb taħt il-'kondizzjonijiet ta' test standard' speċifikati hawn fuq.

2. UNITAJIET TA' KEJL

L-untajiet ta' kejl li ġejjin biss huma awtorizzati għall-indikazzjonijiet provduti jew murija minn *meters* tat-taxis:

— il-metru jew kilometru, għal distanza. Madanakollu, sakemm jiskadi l-perjodu transitorju huwa awtorizzat l-użu ta' l-unitajiet imperjali ta' kejl murija fil-Kapitoli C u D ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 71/354/KEE tat-18 ta' Ottubru 1971 dwar unitajiet ta' kejl⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar mid-Direttiva 76/770/KEE⁽²⁾, huma awtorizzati fil-Komunità, id-distanzi jistgħu jiġu espressi f'jardi jew mili fir-Renju Unit jew fl-Irlanda jekk dawk il-pajjiżi jixtiequ li jsir dan.

(¹) ĠU Nru L 243, 29.10.1971, p. 29.

(²) ĠU Nru L 262, 27.9.1976, p. 204.

— is-sekonda, minuta. Jew siegħa, għall-ħin.

In-nol irid jiġi espress fl-unitajiet monetarji legali tal-pajjiż fejn hi reġistrata l-vettura.

3. KARATTERISTIĊI TEKNIĊI

3.1. **Strument ta' kejl u strument ta' kalkolazzjoni**

3.1.1. Il-meter tat-taxi jrid ikun mibni b'tali mod li jikkalkula u jindika n-nol biss fuq il-bażi ta':

(a) id-distanza vjaġġata (vjaġġ ibbażat fuq id-distanza) meta l-vettura tkun miexja b'veloċità ikbar mill-ħeffa tal-bdil.

(b) il-ħin (vjaġġ ibbażat fuq il-ħin) meta l-vettura tkun miexja b'veloċità inqas mill-ħeffa tal-bdil jew tkun waqfet.

3.1.2. Il-vjaġġ kalkolat fuq bażi tad-distanza jrid jiġi effettwat mir-roti, imma jekk il-vettura tinstaq b'lura dan ma jridx jirrisulta fi tnaqqis fin-nol jew distanza indikata.

Il-vjaġġ kalkolat fuq bażi ta' ħin irid ikun effettwat b'moviment ta' żamma ta' ħin li jista' jiġi attivat biss billi jiġi operat l-istrument ta' kontroll tal-meter tat-taxi.

Jekk il-moviment mekkaniku taż-żamma tal-ħin jingħata l-ħabel bl-idejn, irid jiffunzjona għal mill-inqas tmien siegħat mingħajr ma jkollu b'żonn jerġa' jingħata l-ħabel, jew għal sagħtejn jekk ikun hemm sistema ta' ħabel konnessa ma' kull azjoni manwali li tiġi qabel ma jinxtgħel il-meter tat-taxi.

Jekk il-moviment mekkaniku taż-żamma tal-ħin jingħata l-ħabel b'mod elettriku, il-proċess irid ikun awtomatiku.

Il-moviment elettriku għaż-żamma tal-ħin irid ikun lest li jiffunzjona l-ħin kollu.

3.1.3. F'każ ta' vjaġġ kalkolat fuq bażi tad-distanza għal kull waħda min-nollijiet, l-ewwel bidla ta' indikazzjoni trid isseħħ wara skadenza ta' ħin inizjali, determinata skond ir-regolamenti ta' tariffi f'kull Stat Membru, tkun għet koperta. It-tibdiliet sussegwenti fuq l-indikatur iridu jikkorrispondu għal intervalli ugwali ta' distanza.

F'każ ta' vjaġġ kalkolat fuq bażi ta' ħin għal kull waħda min-nollijiet, l-ewwel bidla ta' indikazzjoni trid isseħħ wara skadenza ta' ħin inizjali, determinata skond ir-regolamenti ta' tariffi f'kull Stat Membru. It-tibdiliet sussegwenti fuq l-indikatur iridu jikkorrispondu għal intervalli ugwali ta' ħin.

Mingħajr ebda tibdiliet fil-bażi tal-vjaġġ, il-proporzjon bejn l-intervalli tad-distanza inizjali u tad-distanza sussegwenti jrid ikun l-istess bħal dak bejn l-intervalli tal-ħin inizjali u tal-ħin sussegwenti, irrispettivament mit-tariffa li tintuża.

3.1.4. L-istrument ta' adattament irid ikun mibni b'tali mod li ma jistax ikun hemm aċċess għal partijiet oħrajn tal-meter tat-taxi jekk tinftaħ il-kaxxa.

3.1.5. Il-meter tat-taxi jrid ikun disinjat b'mod li kull modifikazzjonijiet għall-istrument ta' kalkolazzjoni li hija meħtieġa sabiex ikun hemm konformità ma' tibdiliet fit-tariffi imposti mir-regolamenti tat-tariffi f'kull Stat Membru jkun jistgħu jiġu effettwati faċilment.

Meta l-istrument ikun armat sabiex ikun jista' jaħdem b'marġni ta' tariffi iktar wiesgħa milli huma presentament fis-seħħ, il-meters tat-taxis iridu, fil-posizzjonijiet supernumerarji kollha, jikkalkolaw u jindikaw nol ibbażat fuq waħda mit-tariffi awtorizzata mir-regolamenti dwar tariffi f'kull Stat Membru.

3.2. **Strument ta' kontroll**

3.2.1. Irid ikun possibbli li l-mekkaniżmu tal-meter tat-taxi jibda jaħdem sakemm jiġi attivat mill-istrument ta' kontroll li jkun issettjat f'waħda mill-pożizzjonijiet awtorizzati li ġejjin:

3.2.2. Pożizzjoni 'GĦALL-KIRI'

Fil-pożizzjoni 'GĦALL-KIRI':

- (a) M'għandu jkun hemm ebda indikazzjoni ta' nol li jrid jitħallas, jew din l-indikazzjoni trid turi zero. Din l-indikazzjoni tista' madanakollu tkun daqs il-ħlas inizjali f'dawk l-Istati Membri fejn din l-indikazzjoni tkun tintuża fil-ħin ta' meta tiġi adottata din id-Direttiva;
- (b) la l-vjaġġ ibbażat fuq distanza u lanqas il-vjaġġ ibbażat fuq ħin ma jista' jħaddem l-istrument li jindika n-nol li jrid jitħallas;
- (ċ) l-istrument li jindika supplimenti possibbli (3.3.7) irid ikun ċass jew irid juri l-indikazzjoni 'zero'.

3.2.3. Pożizzjonijiet oħrajn

L-istrument ta' kontroll irid ikun disinjat b'tali mod li, b'bidu mill-posizzjoni 'GĦALL-KIRI', il-meter tat-taxi jista' ikun issettjat suċċessivament fil-pożizzjonijiet ta' operazzjoni li ġejjin:

- (a) fil-pożizzjonijiet ta' operazzjoni varji b'xi waħda mit-tariffi eżistenti f'ordni axxendenti ta' manjitudni jew f'xi ordni oħra awtorizzata mir-regolamenti tat-tariffi f'kull Stat Membru; f'dawn il-pożizzjonijiet, il-vjaġġ ibbażat fuq ħin, il-vjaġġ ibbażat fuq distanza u l-indikatur ta' supplimenti, jekk dawn ikunu jesistu, iridu ikunu mixewla;
- (b) f'pożizzjoni ta' 'MWAQQAF' li turi l-ammont finali li jrid jitħallas esklussivament minn kull suppliment. F'din il-pożizzjoni, il-vjaġġ ibbażat fuq ħin irid jintefa u l-vjaġġ ibbażat fuq distanza jrid jinxtegħel bit-tariffa awtorizzata mir-regolamenti rilevanti f'kull Stat Membru.

3.2.4. Operazzjoni ta' l-istrument ta' kontroll

Operazzjoni ta' l-istrument ta' kontroll hija soġġetta għar-restrizzjonijiet li ġejjin:

- (a) b'bidu minn pożizzjoni ta' operazzjoni b'kull tariffa, irid ikun impossibbli li l-meter tat-taxi jiddawwar lura għall-pożizzjoni 'GĦALL-KIRI' mingħajr ma jgħaddi mill-pożizzjoni 'MWAQQAF'. Madanakollu, it-transizzjoni minn tariffa waħda għal oħra irid ikun xorta waħda possibbli.
- (b) b'bidu mill-pożizzjoni 'MWAQQAF', irid ikun impossibbli li l-meter tat-taxi jiddawwar lura għall-pożizzjoni ta' operazzjoni mingħajr ma jgħaddi mill-pożizzjoni 'GĦALL-KIRI'.
- (ċ) Il-meter tat-taxi irid ikun disinjat b'tali mod li tibdil minn tariffa waħda għal oħra billi wieħed jgħaddi mill-pożizzjoni 'GĦALL-KIRI' ikun possibbli biss jekk il-kondizzjonijiet speċifikati għal din il-pożizzjoni fuq l-istrument ta' kontroll (3.2.2) huma osservati bis-sħiħ waqt li jgħaddi minn din il-pożizzjoni.
- (d) Irid ikun impossibbli li wieħed jopera l-istrument ta' kontroll b'tali mod li l-meter tat-taxi jkun fuq pożizzjonijiet oħrajn apparti minn dawk speċifikati hawn fuq.

3.2.5. Disposizzjonijiet speċjali

Indipendentement mir-reqwiziti stipulati hawn fuq, is-suċċessjoni ta' tariffi differenti tista' wkoll tiġi effettwata awtomatikament b'ħala funzjoni ta' distanza partikolari vjaġġata jew waqt ħin meta l-vettura kienet okkupata, kif speċifikat mir-regolamenti tat-tariffi f'kull Stat Membru.

3.3. Strument indikattiv

3.3.1. Il-kwadrant tal-meter tat-taxi jrid ikun mibni b'tali mod li l-indikazzjonijiet ta' interess għall-passiġġier ikunu jistgħu jinqraw faċilment kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl.

3.3.2. In-nol li jrid jitħallas, esklużi supplimenti possibbli, irid ikun evidenti billi wieħed sempliċiment jaqra indikazzjoni b'figuri allinjati ta' għoli minimu ta' 10 mm.

Meta l-istrument jinxtegħel mill-pożizzjoni 'GĦALL-KIRI' b'operazzjoni ta' l-istrument ta' kontroll, irid jintwera ammont fiss li jaqbel mal-ħlas inizjali fuq l-istrument ta' indikazzjoni.

Minn hemm 'il quddiem, l-indikazzjoni tan-nol trid tinbidel b'mod diskontinwu b'żidiet suċċessivi ta' valur monetarju kostanti.

3.3.3. Il-*meter* tat-*taxi* jrid ikollu strument li jindika konstantament il-pożizzjoni ta' operazzjoni magħżula fuq il-kwadrant b'mod konformi mar-rekwiżiti nazzjonali.

3.3.4. Il-*meter* tat-*taxi* jrid ikun diżinjat b'tali mod sabiex strument ta' kontroll ripetitur ikun jista' jindika fuq il-parti ta' barra tal-vettura l-pożizzjoni ta' operazzjoni jew it-tariffa li tkun qiegħda tintuża.

L-istrument ripetitur ma jista' febda każ jiddisturba l-ħidma korretta ta' l-istrument jew jippermetti li jiġi akkwistat aċċess għall-mekkanismu jew għal dik il-parti li tmexxi l-*meter* tat-*taxi*.

3.3.5. Jekk l-indikazzjonijiet obligatorji ma jkunux preżentati fil-forma ta' figuri jew ittri luminużi, il-*meter* tat-*taxi* jrid ikollu inkorporat ġewwa fih strument li jillumina dawn l-indikazzjonijiet li ma jgħammixx imma li huwa qawwi biżżejjed sabiex ikun jista' jinqara sew.

Irid ikun possibbli li s-sors ta' dawl ta' dan l-istrument ikun jista' jinbidel mingħajr ma jinfetħu l-partijiet issiġillati ta' l-istrument.

3.3.6. Irid ikun possibbli li jiżdied mal-*meter* tat-*taxi* totalizzanti speċifikati jew awtorizzati minn regolamenti nazzjonali, bħal rikorders li jindikaw:

- (a) id-distanza totali vjaġġata mill-vettura;
- (b) id-distanza totali vjaġġata meta mikrija;
- (c) in-numru totali ta' 'kirjiet';
- (d) in-numru ta' unitajiet reġistrati ta' nollijiet inkrimentali.

Dawn ir-rikorders iridu jaqdu b'mod korrett il-funzjoni li għalihom huma intenzjonati. Iridu juru l-informazzjoni permezz ta' figuri allinjati ta' għoli minimu apparenti ta' 4 mm.

3.3.7. Irid ikun possibbli li jiżdied mal-*meter* tat-*taxi* indikatur supplimentari li jikkonforma mar-regolamenti nazzjonali, li huwa indipendenti mill-indikatur tal-nol, u li awtomatikament imur lura għal zero fil-pożizzjoni 'GĦALL-KIRI'.

Dawn is-supplimenti jridu jiġu indikati permezz ta' figuri allinjati ta' għoli minimu apparenti ta' 8 mm u ma jistgħux ikunu iktar għoljin mill-figuri li juru n-nol.

3.4. **Strumenti opzjonali supplimentari**

Meter tat-*taxi* jista' jiġi armat ukoll bi strumenti supplimentari bħal:

- (a) strumenti li jirrekordjaw li huma ta' interess għas-sid tal-vettura;
- (b) strumenti li jistampaw fuq kartun jew fuq tejp li jindikaw in-nollijiet li jridu jitħallsu.

Il-preżenza ta' dawn l-istrumenti u l-operazzjoni tagħhom ma tistax taffetwa l-operazzjoni korretta tal-*meter* tat-*taxi* nnifsu.

3.5. **Kostruzzjoni**

3.5.1. Il-*meters* tat-*taxi* jridu jkunu ta' binja b'saħħitha u soda.

Il-komponenti essenzjali tagħhom iridu jkunu magħmula minn materjali li jggarantixxu saħħa u stabbiltà adegwata.

3.5.2. Il-mod kif jitwawhal il-*meter* tat-*taxi* u kull strument ta' adattament li ma jkunx inkorporat mal-mod ta' kif ikun imwawhal il-*meter* tat-*taxi*, kif ukoll il-kmiem tal-membri tat-trasmissjoni, irid isir b'tali mod li l-komponenti essenzjali tal-mekkanismu ma jkunx jista' jintlaħaq minn barra u jkun protett kontra trab u umdità.

Aċċess għall-komponenti li jippermettu li jsiru aġġustamenti mingħajr ma ssir ħsara lis-siġilli ta' garanzija għandu jkun impossibbli (Sezzjoni 6.).

4. MARKI

4.1. Marki u identifikazzjoni ġenerali

Kull *meter tat-taxi* jrid ikun juri fuq il-kwadrant jew fuq folja ssiġillata l-marki li ġejjin, b'mod li jkunu jidhru faċilment taħt kondizzjonijiet normali ta' installazzjoni:

- (a) l-isem, l-indirizz jew il-marka tal-manifattur;
- (b) indikazzjoni tat-tip ta' strument, in-numru tiegħu u s-sena ta' manifattura;
- (c) is-sinjali ta' approvazzjoni tad-disinn mill-KEE;
- (d) il-kostant 'k'; (mogħti b'reqqa relattiva ta' mhux inqas minn 0.2%).

Kull *meter tat-taxi* jrid ikollu spazji għal dawn li ġejjin:

- (a) informazzjoni addizzjonali, jekk dan ikun xieraq, relatata ma' l-istrument jew mal-vettura b'mod konformi mar-rekwiżiti tar-regolamenti nazzjonali;
- (b) apparti mill-marka tal-KEE ta' verifikazzjoni inizjali u parzjali, il-marki l-oħrajn meħtieġa taħt regolamenti nazzjonali.

4.2. Marki speċjali

4.2.1. It-tifsira tal-valuri indikati trid tintwera b'mod ċar, li jinqara u li ma jkunx ambigwu, ħdejn it-twieqi ta' l-istrumenti indikattivi kollha.

4.2.2. L-isem jew is-simbolu ta' l-unità monetarja trid tintwera ħdejn l-indikazzjoni tan-nol għall-vjaġġ u l-indikazzjoni tas-supplimenti li jridu jitħallsu.

5. MARĠNI TA' ŻBALJI PERMISSIBBLI

Għall-ispezzjoni tal-bank ta' testijiet ta' *meter tax-xorta* ħin-distanza li huwa lest għall-installazzjoni u li ġie armat bl-aċċessorji tiegħu, il-valur reali (konvenzjonali) tal-kwantitajiet imkejla għandu jkun dak li jirriżulta mill-valur 'k' li jidher fuq l-istrument u t-tariffa(i) fir-rigward ta' liema ġie ssettjat l-istrument.

Il-valur rejali ta' dawn il-kwantitajiet irid ikun bejn l-għola indikazzjoni permessa u dik l-iktar baxxa.

5.1. Meta l-vjaġġ ikun bbażat fuq id-distanza, il-marġni ta' żbalji permissibbli għal distanza partikolari vjaġġata ma tistax taqbeż:

- (a) għad-distanza inizjali (3.1.3): 2% tal-valur rejali; madanakollu, għal distanzi inizjali ta' inqas minn 1 000 metru, marġni ta' 20 metru hija aċċettabbi;
- (b) għal distanzi sussegwenti: 2% tal-valur rejali.

5.2. Meta l-vjaġġ ikun bbażat fuq il-ħin, il-marġni ta' żbalji permissibbli għal ħin partikolari ma tistax taqbeż:

- (a) għall-ħin inizjali (3.1.3): 3% tal-valur rejali; madanakollu, għal ħinijiet inizjali ta' inqas minn 10 minuti, marġni ta' 18-il sekonda hija aċċettabbi;
- (b) għal ħinijiet sussegwenti: 3% tal-valur rejali.

5.3. Regolamenti nazzjonali għadhom jispeċifikaw jekk is-sistema kollha ta' kejl (*meter tat-taxi* + vettura) trid tkun aġġustata b'tali mod li l-limiti tal-marġni ta' żbalji permissibbli jkunu simetriċi jew asimmetriċi f'relazzjoni ma' l-iżball zero; għal vjaġġ ibbażat fuq distanza dan huwa l-iżball relatat mad-distanza attwali vjaġġata mill-vettura.

6. SIĠILLAR

6.1. Il-komponenti tal-*meter tat-taxi* li ġejjin iridu jinbnew b'tali mod li jkun possibbli li jiġu siġillati b'marka ta' siġill:

- (a) il-kaxxa fejn huwa magħluq il-mekkaniżmu intern tal-*meter tat-taxi*;
- (b) il-kaxxa ta' l-istrument ta' adattament;

- (ċ) il-kisi protettiv ta' l-istrumenti mekkaniċi jew elettriċi li jikkonnettjaw il-punt ta' dħul fuq il-meter tat-taxi mal-komponent relattiv li jinsab fuq il-vettura sabiex din tiġi konnessa ma' l-istrument, inklużi l-partijiet li jinqalgħu ta' l-istrument ta' addattament;
 - (d) meta l-mekkaniżmi taż-żamma tal-ħin ikunu mħaddmin elettrikament u l-istrument ta' kontroll tal-meter tat-taxi jkun mħaddem elettrikament: il-konnessjonijiet ta' kejbils elettriċi;
 - (e) kull plakka għall-marki obbligatorji jew għall-marki ta' verifikazzjoni;
 - (f) il-konnessjonijiet tal-kejbil elettriku ta' l-istrument ripetitur, jekk ikun imwaħħal, imsemmi fi 3.3.4.
- 6.2. Kull siġill ta' din ix-xorta irid ikun mwaħħal b'mod li l-aċċess kollu għall-komponenti u konnessjonijiet protetti ikun impossibbli mingħajr ma tiġi ddanneġġata l-marka tas-siġill.
- 6.3. Iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tad-disinn tal-KEE jrid jispjega fejn għandhom jitpoggiw is-siġilli u, kull meta dan ikun meħtieġ, ix-xorta u l-forma ta' l-istrumenti ta' l-issiġillar.

7. VERIFIKAZZJONI INIZJALI TAL-KEE

- 7.1. Jekk tkun meħtieġa verifikazzjoni kompleta tal-KEE, il-verifikazzjoni inizjali ta' meter tat-taxi għandha titwettaq f'diversi stadji.
- 7.2. L-ewwel stadj: il-meter tat-taxi għandu jirċievi l-marka ta' verifikazzjoni tal-KEE parzjali u inizjali meta:
- (a) id-disinn tiegħu jkun irċieva approvazzjoni tad-disinn mill-KEE;
 - (b) l-istrument ikun jikkonforma mad-disinn approvat u jkun fih il-marki meħtieġa minn 4.1;
 - (ċ) il-marġni ta' dawn l-iżbalji jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' 5.1 u 5.2.
- 7.3. Stadji sussegwenti: dawn għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet fil-pajjiż fejn għandu jintuża il-meter tat-taxi.

Dawn jinkludu:

— qabel l-installazzjoni fil-vettura:

- (a) kontroll ta' l-aġġustament ta' l-istrument b'mod konformi ma' 5.3;
- (b) kontroll ta' l-aġġustament tat-tariffa b'mod konformi mar-regolamenti nazzjonali.

— wara l-installazzjoni fil-vettura:

kontroll tas-sistema ta' kejl mibnija b'dan il-mod.
